" laħaq il-qoxra mad-dawra kollha, ħassu jistrieħ, u ħares
" lejn il-ġmiel ta' qargħa li qarweż."

—Qum, musiù, qallu, u taptaplu fuq ħaddejh. Hadt għamża ġmielek. Tħossokx ħadt ir-ruħ?

—Franswà tmattar u ttewweb imbagħad għajnejh marru fuq il-mera. Ghadda idejh miftuħa fuq rasu, mielsa bħal brunġiela, għajnejh tberrqu, ħalqu tbexxaq imma kliem ma setâx joħroġ. Inqala' mill-putruna u idu marret fi ħżiemu biex jaqla' xxafra li kien iġib l-Arġiel. L-imgħallem ma stenniex x'jiġi wara u sgiċċa bħal buqrajq il-barra, u għab f'radda ta' salib.

Franswà ħabat jitlaq għal warajh imma ftakar li kien Ħal Qormi u trażżan. Ġibed il-liżar minn għonqu u bih kines kull ma kien hemm fuq il-mejda quddiemu, b'sieqU tajjar il-qafas bil-kanali li sab fl-art, għaddas sa widnejh il-kappell tar-ross u, imgħarar f'demmu, telaq għand zijuh.

Ġorġi ħaseb li Franswà ħass moħħu għax rah, bla kliem xejn jiġbor ħwejġu ġos-senduq, imbagħad jinqafel f-kamartu. Malli dalam bagħat iġib karrozzin u telaq lejn Ħal Għaxaq għand zitu li kienet għadha ma ratux.

Hemm baqa' ma' dwar xahar, sa kemm xuxtu kibret biż-żejjed biex jista' jidher kuddiem in-nies; imbagħad mita deherlu, baxx baxx, rikeb fuq vapur u raġa' għal Arġiel. Ħal Qormi tilfu għal kollox u għal dejjem, għax ma żiedx ġiè Malta. M'hux għax nesa l-gżira taf! Dam żmien jiftakar fl-imgħallem ta' Ħal Qormi, u kull darba kien jarfa' dir-għajh u għajnejh lejn is-sema u jitlob li qabel imut jiltaqa' ras-imbras miegħu lejn Bab Ażun. Jiġi taħt idejh dak il-misħut ta' parrukier ta' Kordin, mqar għal nofs siegħa, dik kienet ix-xewqa kbira ta' Franswà. Naħseb li bix-xewqa baqa'.

T. Z.

# TRID TAF?...

Lil Rużar Briffa, B. Sc.

—Trid taf xinhu poeta?
—Bniedem li twieled hekk, u li ta' qalbu
Tbiddillu x-xejra
L-ebda qawwa ma tista' u l-ebda ġrajja:
Bniedem li jħobb is-Sewwa,
It-Tjieba, l-Ġmiel, u, biex isibhom, dejjem
Jgħarrex, jistaqsi, jħabrek,
B'idu miftuħa mqegħda
Fuq il-qalb tal-ħolqien;
Bniedem li ma jinbiehx u jħobb lill-għajru
Mingħajr ma jaf min hu,
Bniedem għatxien ta' l-hena
U mxabba ta' kulljum bid-dmugħ u n-niket:—
Ħabib, dan hu poeta.
Iżda jekk darba f'ħajtu
Fuk it-triq ħarxa bil-għollieq u l-ħofor
Jiltaqa' ma xi ħadd b'fehma sabiħa,
Li jsellem u jidħaklu d-daħka ħelwa
Ta' ħbubija bla ħiena,
Dan il-bniedem jitbissem,
U minn ġe' sidru jfur għal ħarstu l-hena,
Il-hena ta' bla tarf li hu poeta.

**Dun Karm**

5.3.29